# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 2 ta' Frar 2023**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Guramentat Numru:- 889/2022 JVC**

**Lynne Abela (K.I. 0034896M)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn Lynne Abela talab kif isegwi:

1) 'Illi r-rikorrent Lynne Abela, ta' sess maskili, twieled nhar l-għaxra (10) ta' Jannar tas-sena elf disgħa mija u sitta u disgħin (1996) ġewwa Malta. Illi kif jidher mill-Att tat-

Twelid tar-rikorrent maħruġ mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta u li għandu in-numru ta' iskrizzjoni tlett mija u tmienja u erbgħin tas-sena 1996 (348/1996) (hawn anness u mmarkat bħala Dok.A) dakinhar tat-twelid ir-rikorrent ingħata l-isem ta' Lynne Abela.

2) Illi fl-istess ċertifikat jidher illi l-ismijiet mogħtija lil Lynne mill-ġenituri tiegħu huma Lynne u Alexander. Dan il-fatt illi t-tieni isem huwa isem li huwa manifestament isem maskili jindika biċ-ċar li l-intenzjoni tal-ġenturi kienet li t-tifel jingħata isem ta' persuna tas-sess maskili, u għalhekk kien żball ġenwin li ingħata l-isem ta' Lynne.

3) Illi l-isem Lynne jintuża ta' spiss bħala suffiss għal ismijiet femminili bħalma huma l-ismijiet Marilyn u Jocelyn hekk kif muri mill-artiklu minn Wikipdia anness u immarkat bħala Dok. B. L-isem Lynne jew Lynn huwa predominantement isem femminili hekk kif deskrtt fl-istess artiklu.

4) Illi hekk kif muri mill-kopji tal-ktieb awtorevoli, "A Dictionary of First Names", Hanks, Hardcastle and Hodges, Oxford University Press, 2nd edition, l-ismijiet Lynne u Lynn huma ismijiet ta' tfajliet u jista jkun li l-oriġini ta' l-isem huwa abbrevjazzjoni ta' l-isem femminili Linda, kopja

tal-paġni li jiddeskrivu l-ismijiet Lynne, Lynn u Lyn mill-ktieb ta' l-Oxford University Press huma annessi u immarkati bħala Dok. C.

5) Illi, din is-sitwazzjoni qed toħloq diversi problemi u diffikultajiet, minhabba li l-isem tar-rikorrent huwa assoċċjat mas-sess femminili. Għar-rikorrent din is-sitwazzjoni preżenti ilha tul ħajtu kollha toħloqlu konfużjoni il-għaliex ta' spiss jiġi indirizzat bħala persuna femminili hekk kif indikat mill-korrispondenza mehmuża fejn f'korrispondenza uffiċjali minn Mater Dei huwa ġie deskritt bħala "Ms Lynne Abela is a 26 y/o female", kopja ta' din il-korrispondenza hija annessa u immarkata bħala Dok. D. U kif inhu magħruf f'diverzi ċirkostanzi l-kura medika hija differenti jekk tkun applikata għal mara flok għal raġel. Hekk ġara ukoll fi skambju ma l-Awtorita tad-Djar, anness u immarkat bħala Dok. D. Din il-konfużjoni minn entitajiet pubbliċi qed joħloq diżgwid ta' natura ta' ordni pubbliku u huwa għalhekk fl-interess ta' terzi ukoll li ma jkunx hemm konfużjoni fuq il-ġeneru tal-persuna maħluq minn isem ir-rikorrent.

6) Din il-konfużjoni tinħoloq ukoll ma kumpaniji privati, hekk kif jidher mill-kopji ta' skambji ta' emejls mal-kumpanija ta' l-assikurazzjoni Atlas Insurance fejn ir-rikorrent huwa

indirizzat bħala, "Ms Abela", anness u immarkata bħala Dok. E.

7) Illi matul tfulitu ir-rikorrent kien vittma ta' bullying qawwi minħabba din il-konfużjoni li inħolqot li ismu Lynne huwa assoċjat mas-sess femminili b'konsegwenzi psikoloġiċi għar-rikorrent illi kull darba li jiġi indirizzat bħala persuna tas-sess femminili, jerġa jiftakar f'dawn l-episodji ta' bullying.

8) Illi hekk kif jidher miċ-ċertifikat tat-twelid deskritt fis-suespost, il-ġenituri ta' Lynne tawh l-isem ta' Alexander minbarra l-isem ta' Lynne. Huma ħafna nies illi jafuh issa bħala Lynne Alexander, hekk kif jidher mill-irċevuta annessa u immarkata bħala Dok. F, fejn ismu huwa imniżżel bħala Lynne Alexander Abela.

9) Illi r-rikorrenti f'okkażjonijiet isib ruħu kostrett illi jiffirma ismu jew jirreġistra ismu bħala Alexander Abela sabiex dak li jkun jekk ma jafux personalment jintebah illi fil-fatt huwa persuna tas-sess maskili, hekk kif jidher mid-dokument anness u immarkat bħala Dok. G, ta' l-applikazzjoni elettronika ta' Wolt.

10) Illi ir-rikorrent jikkontendi li l-isem kombinat miż-żewġ ismijiet li ingħata mill-ġenituri tiegħu hekk kif muri

miċ-ċertifikat tat-twelid parzjalment jindirizza il-kwistjoni tal-konfużjoni peress li ismu huwa assoċjat mas-sess femminili.

11) Illi f'każ li jkun jista juża l-ismijiet ta' Alexander Lyn, minflokk l-isem preżenti ta' Lynne il-konfużjoni li inħolqot minħabba l-isem li huwa isem ta' mara jiġi indirizzat darba għal dejjem u ma tibqax tissussisti sitwazzjoni ta' konfużjoni fil-ġeneru tar-rikorrent.

12) Illi peress illi l-Awtoritajiet Maltin ma jirrikonoxxux bidla tal-isem jew kunjom tal-persuna permezz ta' affidavit maħluf awtomatikament u hija din l-Onorabbli Qorti illi għandha is-setgħa illi tagħmel dan ai termini tal-artikoli 253 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrent qiegħed jippreżenta il-proċeduri odjerni billi ma jaghmilx sens li din il-persuna tibqa' iġġorr fuqha din l-anomalija (isem femminili) tul ħajjitha.

Illi għaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni opportuna u neċessarja, jogħġobha;

1) Tiddikjara li r-rikorrent jingħata l-isem 'Alexander Lyn'.

2) Tordna u tirrikonoxxi illi hemm il-ħtieġa illi issir annotazzjonijiet fl-att tat-twelid li għandu in-numru ta' iskrizzjoni tlett mija u tmienja u erbgħin tas-sena 1996 (348/1996) fejn għandu jitniżżel illi isem ir-rikorrent inbidel minn Lynne għal Alexander Lyn.

3) Tordna illi għalhekk ir-rikorrent għandu jkun magħruf ġewwa Malta bl-isem ta' Alexander Lyn.

4) Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku illi fl-att tat-twelid li għandu in-numru ta' iskrizzjoni tlett mija u tmienja u erbgħin tas-sena 1996 (348/1996) isiru l-annotazzjonijiet meħtieġa fis-sens illi fil-kolonni appositi sabiex isem ir-rikorrent ikun Alexander Lyn.

5) Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex il-bdil ta' l-isem tar-rikorrent fl-att tat-twelid anness, ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, jibqa' jigi uzat fl-atti civili tieghu l-ohra kollha suċċessivi u sussegwenti.

6) Tordna illi ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra id-Direttur intimat li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi mill-Att tat-Twelid tar-rikorrent, innumerat 348/1996, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors ġuramentat promotur u mmarkata Dok. A, jirriżulta illi huwa twieledt f'Malta, fl-10 ta' Jannar 1996, lil Massimo Abela u lil Nadia Abela nee' Borg, u li l-ismijiet mogħtijin lilu huma Lynne, Alexander filwaqt li għandu jissejjaħ bl-isem Lynne;

**4.** Illi kien il-missier, Massimo Abela, li għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid tar-rikorrent u li ddikjara li l-ismijiet illi għandhom jingħataw lit-tifel huma Lynne, Alexander, u fl-istess waqt iddikjara li t-tifel għandu jissejjaħ bl-isem Lynne. Ir-rikorrent fit-tieni premessa tar-rikors ġuramentat tiegħu jgħid illi la darba Alexander huwa isem manifestament maskili jindika biċ-ċar li l-isem li xtaqu jtuh il-ġenituri tiegħu huwa proprju Alexander, u għalhekk l-isem Lynne huwa biss frott ta' żball ġenwin. Dwar dan ir-rikorrent għandu jġib provi xierqa, biss l-esponent jiddikjara illi ma sar ebda żball da parti tiegħu fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-att tat-twelid in kwistjoni;

**5.** Illi r-rikorrent ipproċeda bil-kawża istanti bil-għan illi din l-Onorabbli Qorti tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tiegħu, stante illi l-isem Lynne li ingħata mill-ġenituri tiegħu huwa isem assoċjat mas-sess femminili, u din is-sitwazzjoni qed toħloq diversi problemi u diffikultajiet lir-rikorrent fil-ħajja ta' kuljum;

**6.** Illi fiċ-ċirkostanzi, għandu jingħad li għalkemm ir-rikorrent ma speċifikax fuq liema artikolu qed isejjes il-proċeduri istanti, jidher li l-istess proċeduri huma msejsin fuq l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta'

Malta, li fis-subartikolu 2 jispeċifika illi talbiet għal tibdil fl-isem jistgħu isiru sabiex persuna tirreġistra bħala isimha dak l-isem li tkun użat għaliha nnifisha jew li tkun użat għaliha l-familja, fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali isem huwa dak li bih il-persuna tkun konsistentement imsejħa u magħrufa;

**7.** Illi għalhekk, fir-rigward tat-talbiet kif dedotti, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

**8.** Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tal-ħames talba attriċi, fejn qed jintalab li l-korrezzjoni tiġi riflessa fl-atti kollha tar-rikorrent suċċessivi u sussegwenti, qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrent għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti

permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

9. Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.'

Rat il-bosta dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat.

Rat ukoll iz-zewg noti b'dokumenti ulterjuri prezentati mir-rikorrent.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-ligi esebita a fol. 18 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mertu il-Qorti rat illi dak illi r-rikorrent jispjega fir-rikors ġuramentat tiegħu u ċioe' illi l-isem Lynne qed jikkrealu diversi problemi fis-soċjetà u dan stante li diversi entitajiet u terzi jirrikonoxxu lir-rikorrent fis-sess femminili u mhux maskili unikament minħabba l-użu tal-isem Lynne, fil-verità dan jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita, tant li anke mid-dokument a fol. 11 tal-proċess (li huwa dokument maħruġ minn Mater Dei) ir-rikorrent li kjarament f'ghajnejn il-Qorti huwa tas-sess maskili u huwa rikonoxxut mill-awtoritajiet bhala tas-sess maskili, ġie indikat bħala tas-sess femminili. Dan jirriżulta wkoll mid-dokumentazzjoni l-oħra esebita fl-atti.

Rat ukoll l-affidavits tal-ġenituri tar-rikorrent esebiti a fol. 24 u 25 proċess li kkonfermaw illi l-problema tal-isem qed tikkawża kkawżat tul is-snin bullying fil-konfront tar-rikorrent.

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent fejn spjega li huwa jippreferi juża l-isem Alexander għaliex dan ma jikkreax konfużjoni dwar is-sess tiegħu.

Illi in vista tal-provi kollha fl-atti l-Qorti tqis illi it-talba tar-rikorrent hija provata u debitament ġustifikata w'ghalhekk il-Qorti ser tghassi sabiex tibqa' l-istess.

**Decizjoni**

Għaldaqstant għar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawża kif isegwi:

1. Tiċħad ir-risposta tad-Direttur intimat sakemm din hija inkompatibbli ma' dak hawn deċiż.

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrent huwa magħruf u għandu jingħata l-isem ta' 'Alexander Lyn'.

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna u tirrikonoxxi li hemmhekk diġa qed isir annotazzjonijiet fl-att tat-twelid li għandu numru ta' iskrizzjoni 342 tas-sena 1996, fejn għandu jitniżżel illi isem ir-rikorrent jinbidel minn Lynne għal 'Alexander Lyn;.

4. Tilq' it-tielet talba u tordna li għalhekk ir-rikorrent ghandu jkun magħruf ġewwa Malta bl-isem ta' 'Alexander Lyn'.

5. Tilqa' ir-raba' talba u tordna li l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li fl-att tat-twelid li għandu numru ta' iskrizzjoni tlieta, erba' tnejn tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (~~342~~ 348/1996)[1] jsiru l-annotazzjonijiet meħtiega fis-sens li fil-

[1] Korrezzjoni awtorizzata permezz tad-digriet datat 2 ta' Marzu 2023

kolonni appożiti isem ir-rikorrent jiġi indikat bħala 'Alexander Lyn'.

6. Tilqa' il-ħames talba limitatament iżda għall-atti fil-poter tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku intimat.

7. Tiddikjara s-sitt talba sorvolata.

8. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap l6 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**2 ta' Frar 2023**

**Cora Catania**

**Deputat Reġistratur**

**2 ta’ Frar 2023**